# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' l-Għasri

## Is-Seba' Leġislatura

## Laqgħa Nru. 63

Il-Hamis 15 ta' Frar, 2018

Il-Kunsill Lokali Ta' l-Għasri ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Nru 6, Triq Dun Karm Caruana, GSR 1021, L-Għasri, Għawdex, Malta, fis-7:00 ta' filgħaxija.

---

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Dr Daniel Attard | - Sindku |
| | Sur Emmanuel Mintoff | - Viċi Sindku |
| | Sur Joseph Farrugia | - Kunsillier |
| | Sur Frank Formosa | - Kunsillier |
| | Sinjura Alexandra Maria Mifsud | - Kunsilliera |

Assenti b'Apoloġija (skont Ordni Permanenti 14A (3):

n/a

Assenti:

n/a

Uffiċjal Preżenti:

Sinjura Rita Mifsud Attard - Segretarju Eżekuttiv

Is-Sindku Dr Daniel Attard ippresjeda l-laqgħa

## 63.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji.

**63.1.01** Il-membri kollha huma preżenti u għalhekk m'hemmx ittri ta' apoloġiji.

## 63.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti 7-62.

**63.2.01** Il-Minuti tal-Laqgħa numru 62 kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija, ġew ikkoreġuti, approvati unanimament u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

**63.2.02** Saret kommunikazzjoni mad-Direttur tal-Gvern Lokali, is-Sur Adrian Mifsud dwar il-kwistjoni tal-ġbir ta' skart riċiklabbli. Il-Kunsill għandu jistenna direzzjoni mingħand id-DLG.

**63.2.03** Ir-resident li ssuġġerixxa li ssir *parking bay* fi Triq ta' Għammar ġie nformat li din ġiet approvata mill-Kunsill iżda ser nistennew li x-xogħolijiet jitlestew qabel ma ssir l-applikazzjoni mat-Transport Malta.

**63.2.04** Dwar l-item 62.7 Il-bini tal-gallerija mill-ġdid fl-uffiċċju tal-Kunsill saret mill-kuntrattur. Il-gallerija għandha tiġi miksija bil-madum.

Waqt it-tindif ta' l-uffiċċju s-Segretarja Eżekuttiv sabet xi affarijiet elettroniċi qodma li m'għadhomx jaħdmu. Dawn huma:

- Money detector MD 320S (fixed asset MON001)
- zewġ cameras tar-ritratti, Canon 4201141 (fixed asset PHOTO1)
- printer/photocopier WC320 (Fixed asset OFFEQ03)
- monitor (Fixed Asset OFFEQ10)
- projector. View Sonic PJ506D (fixed asset OFFEQ05)

Il-Kunsilliera approvaw ir-rimi ta' dawn l-oġġetti.

## 63.3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza.

**63.3.01** Is-Sindku qal li hemm bzonn li l-*area* qabel in-niżla għall-bajja ta' Wied il-Għasri għandha bzonn tiġi rranġata bis-siment. Il-Kunsill għadu jrid jikkonferma li din hija propjeta tal-Gvern.

**63.3.02** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand id-Direttur – Strateġija u Implimentazzjoni ta' *Policy*, is-Sinjura Marisa Pisani fejn il-Kunsill ġie nfurmat li mhux ser jieħu fondi għall-attivita *Traditions : Wine, Olive Oil & Honey* din is-sena. Fis-sena li għaddiet il-Kunsill kien ingħata fondi ta' €5,000 għal din l-attivita. Liema attivita kienet suċċess kbir. Il-Kunsill bagħat ittra lid-direttur fejn oġġezzjona għal din id-deċizjoni. L-istess ittra ġiet kkupjata lis-Segretarju

Parlamentari, l-Onorevoli Silvio Parnis, lid-Direttur Ġenerali, is-Sur Natalino Attard u lid-Direttur is-Sur Adrian Mifsud.

**63.3.03** Il-Kunsill irċieva kont mingħand il-*Gozo Action Group Foundation* (GAGF) fl-ammont ta' €500 bħala ħlas ta' parteċipazzjoni fil-*LAG LEADER Programme project*. Is-Segretarja nformat lill-Kunsill li dan il-ħlas irid jiġi approvat mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u biex issir din l-approvazzjoni hemm bżonn *financial statements* tal-GAGF. Għalkemm is-Segretarja talbet dawn id-dokumenti dawn baqgħu ma ntbagħtux. Is-Sindku qal li l-Kunsill ta' l-Għasri qatt ma ħa xejn minn din il-fondazzjoni u qabel ma napprovaw dan il-ħlas irridu nkunu nafu xi pjanijiet għandhom għas-sena 2018.

**63.3.04** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-*Planning Authority* dwar l-applikazzjoni (PA/10210/17 biex tiġi rrestawrata in-Niċċa tal-Lunzjata ta' Wesgħa Dun Ġużepp Buttigieg (Triq il-Knisja c/w Triq Salvu Gambin). Huma talbu sabiex il-proposta tiġi *"toned down"* biex issir biss trangar bil-*plastic techniques.*

**63.3.05** Ċirkulari Numru 1/2018 – Skema –Korsijiet Lifelong Learning 2018-2019 Ħatra ta' Direttur, Gvern Lokali – Strateġija u Implimentazzjoni ta' Policy

**63.3.06** Ċirkulari Numru 4/2018 – Migrazzjoni minn https://lc.gov.mt għal https://mylocality.gov.mt

**63.3.07** Il-Kuntrattur tat-tindif tat-toroq bagħat l-iskeda kif kien ġie mitlub tal-frekwenza tat-tindif tat-toroq. Din ser tiġi nkluża fin-*newsletter*.

**63.3.08** Cir AKL 2018/015 – MEUSAC u Playing Fields

**63.3.09** Cirk AKL 2018/009 Laqgħa tas-Sindki 24 ta' Marzu 2018

**63.3.10** Cirk AKL 2018/014 WiFi4EU Sejħa għall-Kunsilli Lokali.

**63.3.11** Ittra mingħand it-Transport Malta dwar *Road Hump* fi Triq il-Fanal li kien talab għaliha l-Kunsill. Din ġiet irrefjutata peress li minn din it-triq tgħaddi x-xarabank.

**63.3.12** Email mingħand Teddy Mizzi – *Eco Gozo Regional Development Directorate* dwar *bicycle stands*. Il-Kunsill iddiskuta fejn jistgħu jitpoġġew stands għar-roti. Il-Kunsillier Sandra Mifsud qalet li diġa ġew installati stands tar-roti f'Wied il-Għasri. Għalhekk il-Kunsilliera iddeċiedew li m'hemmx bżonn aktar *stands*.

## 63.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri.

**63.4.01** Il-Kunsillier Frank Formosa qal li kien hemm titjib fl-indafa tat-toroq minn l-aħħar laqgħa tal-Kunsill. Iżda nġibdet l-attenzjoni li kien hemm munzell ta' trab fi Triq il-Fanal fejn qabel kien hemm il-*bring in sites*.

## 63.5 Rapporti:

**63.5.01** Approvazzjoni tar–Rapport Finanzjarju 2017. Il-Kunsill approva r-rapport finanzjarju tas-sena 2017 kif ġie ppreżentat mill-accountant tal-Kunsill. Dan ġie approvat unanimament.

## 63.6 Measure 4.3 (Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali).

**63.6.01** Is-Segretarja Eżekuttiv attendiet laqgħa għal benefiċjarji li rċevew *Grant Award Letter* mill-Awtorita' ta' Ġestjoni għall-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali. F'din il-laqgħa ġejna nformati li x-xogħol kollu fit-toroq irid jkun lest u mħallas sa Ġunju 2018. Pagamenti jistgħu jsiru bl-*interim payments* sa' 80%. Qed isiru diskussjonijiet mal-*Managing Authority* biex il-Kunsilli jingħataw *advanced payments* iżda s'issa dan mhux ikkonfermat. Fil-ġimgħat li ġejjin ser issir l-ifirmar tal-kuntratt.

**63.6.02** Barra x-xogħol ta' *resurfacing* f'dawn it-toroq, il-WSC informat lill-Kunsill li hemm bżonn li jinbidlu l-*mains* tal-ilma. L-ispejjeż ta' dan ix-xogħol qed jiġi mitlub li jkun imħallas mill-Kunsill. Dan jammonta għal madwar €26,000. Fi Triq il-Ġonna hemm bżonn twessiegħ tat-triq f'diversi partijiet. Il-Kuntrattur tal-Kunsill intalab jagħti stima ta' dan ix-xogħol. Il-kwotazzjoni preżentata hija ta' €44,915 mingħajr VAT, konkos, ġebel u tneħħija tas-sejjieh. Il-Kunsill m'għandux dawn il-fondi (€70,915) Il-Kunsill irrid iħallas ukoll 10% mill-ispejjes tat-toroq peress li l-Mizura 4.3 tħallas 90%. Il-Kunsill għandu jitlob lill-Ministeru għal Għawdex biex jgħin fit-twessiegħ tat-triq peress li dan ix-xogħol jista jsir mill-ħaddiema tal-gvern.

**63.6.03** Il-perit u is-Sur William Sultana qed jaħdmu sabiex jitlesta għall-pubblikazzjoni t-tender. Il-Kunsill f'dan il-ħin ħatar bord ta' evalwazzjoni għal din l-offerta. Il-persuni maħtura huma, l-avukat Joshua Grech, l-accountant Sharon Zammit u l-Perit Shaun Micallef. Il-Kunsill approva li din l-offerta toħrog bl-*accelerated procedure* peress li jridu jitlestaw sa Gunju.

## 63.7 Proġett ta' *resurfacing* ta' toroq b'fondi mill-Ministeru għal Għawdex.

**63.7.01** Fit-toroq li ser isiru bil-fondi mill-Ministeru għal Għawdex – Triq San Pupulju, Trejqet Dun Ġużepp Cassar u Triq id-Dehra, il-WSC ukoll informaw lill-Kunsill li hemm bżonn ta' bdil tal-kanni tal-ilma. L-istima għal dan ix-xogħol jammonta għal madwar €18,000.

**63.7.02** Il-Perit tal-Kunsill u is-Sur William Sultana qed jaħdmu fuq id-dokument tal-offerti. Għal dan il-għan ġie maħtur il-bord ta' evalwazzjoni. Ġew maħturin: l-accountant Sharon Zammit, in-nutar Josette Spiteri u persuna teknika Salvu Bonello.

**62.7.03** Is-Segretarja Eżekuttiv qalet li l-librerija għandha bżonn tikber għaliex saret żgħira għall-ammont ta' kotba u xkafef li fiha. Il-Kunsilliera qablu li din għandha tiġi mkabbra peress li hemm fejn tista tikber.

## 63.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti.

**63.8.01** Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti nru 7-063 biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentatha ġiet aċċettatha mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

## 63.9 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss.

**63.9.01** Il-laqgħa ntemmet fit-8:30 p.m. u ġiet aġġornatha għal nhar l-Erbgħa 21 ta' Marzu fis-7:00 p.m.

Konfermati, illum il-Ħamis 15 ta' Frar, 2017

**IFFIRMATA**

Dr Daniel Attard
Sindku

**IFFIRMATA**

Rita Mifsud Attard
Segretarju Eżekuttiv